

# Drawwiet... kif nafhom jien

minn Norman J. Borg

Matul is-snin ħafna drawwiet u sistemi f'ħajjitna jinbidlu mingħajr ma wisq nagħtu kashom fil-mument, iżda aktar tard, meta jgħaddi żmien u wieħed iħares lura jinduna kemm sar tibdil fil-ħajja tagħna jew fil-mod ta' kif ngħixu. Ħafna minn dawn it-tibdiliet ikunu fuq bażi ta' komunità u għalhekk dawk li fi tfulitna u anke qabel żmienna, kienu drawwiet sagrosanti fil-ħajja, illum dawn inbidlu u x'aktarx intilfu u ntesew maż-żmien.

Ir-raħal tagħna H'Attard, bħal irħula oħra, fl-imgħoddi kellu wkoll id-drawwiet jew is-sistemi tiegħu. Naturalment bħala raħal żgħir dawn kienu aktar marbuta mall-parroċċa, bil-festi jew funzjonijiet tagħha u mal-ftit għaqdiet reliġjużi jew ċivili li kien hawn.

Irnexxieli niftakar f'numru ta' drawwiet li kien hawn fir-raħal fl-imgħoddi, l-parti l-kbira tagħhom fejn tidħol il-parroċċa u l-festi ta' matul is-sena. Ħafna minn dawn id-drawwiet li ser insemmi għadni niftakarhom sewwa minn tfuliti, għax minbarra li ta' tifel kont għamilt żmien twil abbati, nista ngħid ukoll li jien għext ħajti kollha fid-dell tal-knisja u allura, speċjalment fit-tfulija, dejjem kont insegwi sew l-avvenimenti tal-parroċċa. Oħrajn, li jmorru aktar lura, sirt naf bihom matul iż-żmien mingħand dawk li ġew qabilna, fosthom l-istess missieri.

Nixtieq nibda bi drawwa li kienet fil-prattika fil-knisja sa madwar ħamisn sena ilu. Din kienet tikkonċerna fejn toqgħod il-kongregazzjoni. Sa dak iż-żmien din kienet segregata bejn nisa u rġiel. Il-parti fejn setgħu joqgħodu n-nisa kienet il-korsija tan-nofs, filwaqt li l-irġiel kienu joqgħodu fiż-żewġ kappelluni tal-ġnub. Fil-fatt sa ftit tas-snin ilu kont għadek tisma' lil min jiddeskrivi dawn il-partijiet tal-knisja n-naħa tal-irġiel u n-naħa tan-nisa.

Kienet drawwa aċċettata minn kulħadd u xejn stramba li tara koppji ta' miżżewġin ġejjin flimkien mid-dar għal knisja u fuq iz-zuntier jinfirdu biex separatament jidħlu fin-naħat rispettivi. In-nisa, li dari kienet drawwa li biex jidħlu fil-knisja ried ikollhom rashom mgħottija, kienu jilbsu l-velu qabel jidħlu. Fis-sajf minbarra l-velu, dawk li kien ikollhom kmiem aqsar mill-minkeb, kienu jridu jilbsu l-hekk imsejħa "manki" biex jgħattu idejhom...kif inbidlu ż-żminijiet! Jien niftakar li fi tfuliti kien għad hawn numru sew ta' nisa li kienu jidħlu l-knisja bl-għonella.

Peress li l-bankijiet fil-knisja m'humiex xi ħaġa ta' l-antik, iżda biss tas-snin sittin, għax qabel kien hemm is-siġġijiet hekk imsejħa tas-sogħda, kont tara gruppi żgħar ta' nies imferrxin mal-knisja kollha waqt il-quddies. Fin-naħat ta' l-irġiel kienet ħafna komuni li tara min qiegħed fuq żewġ siġġijiet, taħsbu qed isuq xi mutur.

It-tqarbin, li dari kien normalment isir fi tmiem il-quddiesa, kien isir madwar il-presbiterju billi min ikun ser jitqarben kien jitla' u joqgħod għarrkubtejh mal-balavostri tal-kanċell u ċ-ċelebrant kien jimxi minn naħa għall-oħra bil-pissidi. Meta b'kumbinazzjoni kienet taqa' xi ostja fl-art, l-abbati li jkun qed jgħin, kien malajr jgħattija bil-qanpena li tintuża waqt il-quddies u wara kienet tineħħa mis-saċerdot u titqiegħed fl-ilma, filwaqt li l-art fejn tkun waqgħet tinħasel.

## Festi

Matul is-sena kienu, u għadhom sal-lum, isiru numru ta' festi jew ċelebrazzjonijiet, iżda hija ħaġa naturali li l-akbar waħda li tispikka hija l-festa tal-Patruna Santa Marija, li sa fejn naf jien, għajr għal darba waħda biss fil-bidu tas-sebgħinijiet, dejjem ġiet iċċelebrata fil-ġurnata propja tagħha tal-15 t'Awwissu.

F'H'Attard hija drawwa qadima ħafna li l-ħruġ tal-vara minn niċċa u tqiegħid tagħha fuq il-bankun ħdejn l-artal maġġur, isir il-Ħadd f'nofs in-nhar (daż-żmien ftit aktar tard minħabba l-quddiesa) fil-bidu tal-kwindiċina. Fl-antik dan kien isir fl-ewwel tridwu, tkun xi tkun il-ġurnata, eżatt mat-tokki ta' nofs in-nhar. F'dawk iż-żminijiet ir-raħal kien żgħir ħafna u l-parti l-kbira tan-nies tiegħu kienu bdiewa, raħħala u xi nies oħra tas-sengħa, l-aktar fil-ġebel. F'dik il-ġurnata, x'ħin joqrob nofs in-nhar dawn kienu jieqfu mix-xogħol tagħhom u b'ħeġġa kbira jattendu għall-ħruġ tal-vara minn niċċa. Jidher, anke minn xi ritratti antiki, li kien hemm żmien li l-vara kienet titpoġġa fuq il-bankun fil-korsija tan-naħa tal-lemin.

L-armar ġol-knisja għal festa ta' Santa Marija kien jibda minn kmieni. Niftakar li fi tfuliti l-ewwel li kien jintrama kien it-tuzell il-kbir (illum m'għadux jeżisti u fadal biss xi partijiet żgħar minnu fil-Mużew tal-Parroċċa). Kien tuzell artistiku ħafna, iżda fiż-żmien li niftakru jien kien diġà f'kundizzjoni ħażina. Kien jintrama l-Ħadd filgħodu wara l-aħħar quddiesa, u la qed insemmi t-tuzell tajjeb li wieħed jgħid li dari d-drawwa kienet li t-tuzell ikun armat matul is-sena kollha u kultant żmien kien jitniżżel biex jinbidillu d-drapp skond iż-żmein tal-liturġija. F'ħafna mill-knejjes antiki ta' Malta għadu jintrama t-tuzell sal-ġurnata tal-lum.

L-armar ta' barra għall-festa ta' Santa Marija ma kienx isir fit-tard bħal daż-żmien iżda kien isir filgħaxija, minn xi l-ħamsa sa nżul ix-xemx jew ftit aktar, forsi sat-tmeinja u nofs ta' filgħaxija. kien hawn numru sew ta' armar (antarjoli, pilandri, trofej, armi eċċ.) x'jintrama, kif ukoll pavaljuni, bandieri u liedna. Kienet drawwa fl-antik li l-liedna tinħadem mill-ħaxix. Fi tfuliti niftakar li kienet għada tinħadem xi ftit fil-bitħa tad-Domus. Fl-istess post, iżda ġewwa, kull sena meta tibda toqrob il-festa, numru ta' tfal bniet kienu kuljum wara nofs in-nhar jinġabru jaħdmu l-liedna tal-karti. Kollox kien jintrama bl-idejn u l-ġarr mill-maħżen kien isir permezz ta' karettun żgħir.

Min kmieni sew qabel il-festa kienu jintgħażlu t-tfal għall-kor u fid-Domus kienu jipprattikaw il-kant ta' l-Innu lil Marija Tiela' s-Sema (aktar magħruf bħala "Iftaħ Qalbek") ta' Dun Karm Psaila u mużika tal-Kav. Gius. Busuttil biex ikantaw mall-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara lejlet u nhar il-festa. Meta toqrob sew il-festa dawn it-tfal kienu jittieħdu Birkirkara għal kunċert ma' l-istess banda. F'dak iż-żmien dan l-innu tant sabiħ kien propjetà tal-banda Karkariża iżda llum għall-grazzja t'Alla jappartjeni lis-Soċjetà Mużikali 'La Stella Levantina'.

F'nhar il-festa ġieli tqassmu l'hekk imsejħa mkatar tal-karta li fuqhom kien ikun stampat dan l-innu u xi ritratt tal-vara mdawwar b'xi disinn. F'xi drabi oħra, waqt il-ħruġ tal-vara mill-knisja ġieli ntefgħu sunetti tal-karti kkuluriti bl-innu stampat fuqhom.

Drawwiet oħra marbuta mal-festa kienu dwar id-daqq tal-qniepen u l-fratelli. Fil-jumejn tal-festa d-daqq tal-qniepen minn fuq il-kampnar ma kienx isir minn nies tar-raħal iżda minflok kien jinġieb grupp ta' żgħażagħ minn Naxxar li bil-lejl kienu jorqdu ħdejn l-istess qniepen. L-istess kien jiġri għall-fratelli tal-purċissjoni. Peress li l-fratelli mir-raħal sa ftit tas-snin ilu kienu ftit li xejn, biex fil-purċissjoni setgħu jinħarġu l-istandardi, s-slaleb eċċ kienu jinġiebu numru ta' fratelli minn Ħaż-Żebbuġ. Illum il-ġurnata l-pożizzjoni hija ferma aħjar u preżentament hawn numru sew ta' fratelli tal-post.

Sa qabel il-gwerra fil-ġranet tal-festa, speċjalment waqt il-ħruġ u d-dħul tal-vara, minflok il-musketterija ta' daż-żmien kienu jinħarqu l-hekk imsejħa maskli mit-triq dejqa ta' wara l-kampnar (illum m'għadiex teżisti). Il-maskli kienu speċi ta' blokok żgħar tal-ħadid b'ħofra fihom li kienu jintlew bil-porvli, jitpoġġew qrib ta' xulxin u bejniethom kien jitferrex ftit porvli biex ikun hemm il-kontinwazzjoni. Meta l-porvli kien jinħaraq minn naħa waħda kien jibda miexi minn masklu għall-ieħor u dawn jisparaw u jagħmlu ħoss ta' bomba tixbah lil dik tal-musketterija. Kien hemm aktar minn daqs wieħed ta' maskli. Jiena ma niftakarx li qatt smajt il-ħoss tal-maskli, iżda niftakar biss li fi tfuliti rajt xi ftit minnhom. Kien għad fadal numru żgħir fl-hekk imsejħa kamra tal-maskli li sa ftit tas-snin ilu kien għad hemm fuq wara tal-kampnar.

Fl-antik kienet drawwa li l-marċ ta' qabel il-purċissjoni f'nhar il-festa kien jibda minn Triq San Anton (quddiem Villa Bologna n-naħa t'isfel, fil-parti li keinet magħrufa bħala ħdejn San Pietru u San Pawl minħabba ż-żewġ statwi li għad hemm sal-lum). Ħafna drabi dan il-marċ kien isir mill-Banda King's Own. Jingħad li kien ikun hemm numru kbir ta' nies ma' dan il-marċ, forsi għax kien qrib ta' l-istazzjon tal-ferrovija li sa dak iż-żmien kien l-uniku mezz ta' transport.

Drawwa oħra f'nhar il-festa kienet li sa ftit qabel il-gwerra, meta l-vara ta' Santa Marija tkun fi Triq il-Mosta u allura tibda toqrob lejn il-knsija numru ta' rġiel u żgħażagħ kienu jmorru jieħdu torċa (xema) minn ħdejn il-bieb tal-knisja u jiffurmaw żewġ fillieri minn taħt iz-zuntier biex l-istatwa tgħaddi minn fosthom qabel ma tidħol. Il-parti l-kbira ta' dawn l-irġieł kienu jkunu libsin il-ġlekk, għax dak iż-żmien kienet drawwa, li minkejja s-sħana t'Awwissu, fil-festa ħafna rġiel kienu jilbsu l-ġlekk, x'aktarx iswed tad-dragunar.

Nhar il-festa filgħodu, fil-knsija kien isir numru ta' quddies, mhux biss fuq l-artal maġġur iżda anke fuq xi artali oħra. Waqt il-quddiesa kantata stess kienet issir xi quddiesa oħra f'xi artal sekondarju. In-nies li jkunu ser jisimgħu dik il-quddiesa, hekk kif jaraq iċ-ċelebrant ħiereġ kienu malajr idawwru s-siġġu tagħhom biex iħarsu lejn l-artal li fuqu jkun ser iqaddes. Dan jien niftakru sew għax ġieli għent quddies nhar il-festa f'xi artal tal-ġenb, l-aktar f'taċ-ċintura. Dak iż-żmien il-kongregazzjoni ma kinitx tieħu sehem dirett fil-quddies bħal lum, iżda kien biss is-saċerdot li jaqra (bil-Latin) u nies sempliċiment tħares lejh. Anzi, kienet drawwa li waqt ċertu quddies kien anke jingħad ir-rużarju. Is-saraċini ta' ċertu età, żgur li jiftakru lil Wenzu Gatt jgħid ir-rużarju waqt il-quddiesa.

Fost drawwiet oħra marbuta mal-festi nsibu li fil-Milied il-purċissjoni tat-tfal tal-Mużew bil-Bambin kienet tinżamm nhar il-Milied filgħaxija u wara li ddur mat-toroq tar-raħal kienet tispiċċa fil-Knisja fejn issir priedka minn tifel (mhux l-istess wieħed li jkun għamilha fil-quddiesa ta' bil-lejl) filwaqt li kien isir kant ta' għanjiet tal-Milied, kif ukoll xi disputi bejn l-istess tfal dwar il-miġja tal-Bambin, Kienu anke jitqassmu r-rigali lit-tfal tal-Mużew.

Marbuta wkoll maż-żmien tal-Milied, iżda propju fl-ewwel jum tas-sena l-ġdida filgħodu, kienet id-drawwa li s-sagristan kien joħroġ idur mat-toroq tar-raħal u jagħmel ġabra mingħand il-parruċċani bħala 'strina' għalih.

Drawwiet ta' żmien ir-Randan, tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid għandna numru mhux ħażin ukoll. Nibdew mill-erbgħin jum tar-Randan fejn dari l-obbligu tas-sawm f'dan iż-żmien kien kull nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa. jingħad li aktar fl-antik, bħal ma għadu jsir illum ukoll, kienu jsiru l-eżerċizzi fejn tan-nisa u t-tfal (ma' l-Iskola) kienu jsiru filgħodu filwaqt li filgħaxija, wara l-barka, kienu jinżammu l-eżerċizzi ta' l-irġiel. Drawwa marbuta ma' l-eżerċizzi ta' l-irġiel kienet li fil-ħin li tkun għaddejja l-priedka, l-każini u l-ħwienet tax-xorb kienu jagħlqu l-bibien tagħhom u jerġgħu jiftħu x'ħin tispiċċa. Matul il-ġranet tar-Randan fil-knisja kienu jibdew jitgħattew bi drapp vjola l-kurċifissi kollha kif ukoll il-kwadri ta' l-artali. Fl-aħħar ġranet kienu jingħalqu wkoll it-twieqi biex il-knisja kienet tkun fi kważi dlam ċappa.

Peress li f'Ħadd il-Palm jitbierek iż-Żebbuġ, dari kienet drawwa li l-għada, s-sagristan mgħejjun minn xi tfal, kien joħroġ b'karettun mgħobbi bil-qatet taż-żebbuġ imbierek u jqassam qatta (mhux fergħa) f'kull dar. Hekk ukoll kien isir fil-Gandlora, iżda minflok iż-żebbuġ kienet titqassam xemgħa. Iż-żebbuġ kien jinżamm minn sena għal oħra. Il-qatta l-qadima kienet tintuża biex fil-ħin tal-Glorja (Dari kienet tkun is-Sibt filgħodu)kien isir it-tbaħħir biha. X'kien it-tbaħħir? It-tbaħħir kien isir billi mad-daqq tal-Glorja ż-żebbuġ il-qadim kien jinħaraq f'xi taġen eċċ. u waqt li jkun tiela d-duħħan kienu jduru bih mad-dar kollha, inkluż fejn kien ikollhom xi bhejjem jew tjur u dan bil-ħsieb li jkeċċu l-ispirti ħżiena. Miż-żebbuġ imbierek kien isir salib imdaqas li kien jiddendel mall-Knisja u jitħalla hemm is-sena kollha. Niftakar li fiż-żmien dan is-salib kien jiddendel ma' l-ewwel pilastru tal-knisja n-naħa tal-kampnar u aktar tard mal-ħadid tat-tieqa ta' fuq il-bieb tas-sagristija.

Dari, meta l-funzjonijiet kemm ta' l-Erbgħa tat-Tniebri kif ukoll ta' Ħamis ix-Xirka kienu ferm differenti minn kif isiru llum, kienet drawwa li f'ċertu ħin tal-funzjoni jsir l-hekk imsejjaħ 'terremot' fejn kien isir ftit taħbit u ċaqlieq tas-siġġijiet. għalina l-abbatini kienet tkun xi ħaġa ferm mistennija biex malli jsir il-ħin inħabbtu b'entużjażmu (sakemm iħalluna) fuq il-bankijiet tal-kor. F'dawk il-ġranet, bħala sinjal ta' luttu, l-abbatini ma konniex nilbsu l-ispellizza (bajda) iżda konna nilbsu biss is-suttana (sewda).

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, eżatt ma' nofs in-nhar, kienet tibda l-priedka ta' tliet siegħat. Peress li l-knisja kienet tkun fid-dlam, filgħodu kienu jinharġu s-siġġijiet kollha u jtpoġġew fuq iz-zuntier bejn il-bibien. kull min ikun dieħel il-knsija għal priedka kien iħallas sitt ħabbiet (żewġ milleżmi) u jdaħħal siġġu miegħu. Dan kien isir għax ma kienx ikun possibli li s-sagristan jagħmel il-ġabra fid-dlam.

Drawwa marbuta ma' l-Għid f'Ħ'Attard kienet li sa ftit tas-snin ilu wara l-quddiesa kantata tal-Ħadd filgħodu l-Kappillan kien joħroġ ibierek lid-djar tas-saċerdoti tal-parroċċa, iż-żewġ oqsma tal-Mużew (subien u bniet) u l-każini.

F'Ħadd il-Għid kien jibda l-bdil tal-bullettini u kien jibqa sejjer sa l-Għid il-Ħamsin (Pentekoste). Il-bullettini kienu speċi ta' biljetti għall-kbar u santi għat-tfal li kienu jinbidlu waqt it-tqarbin fiż-żmien imsemmi. Fil-ġranet tar-Randan il-bullettini tas-sena ta' qabel kienu jiġu rritornati lill-Kappillan u minnflok kull membru tal-familja kien jingħata biljett b'kulur differenti biex jintuża waqt it-tqarbin fiż-żmien l-Għid. Dan kien isir biex suppost ikun żgurat li l-parruċċani tqarbnu għallinqas darba fis-sena, skond kif tobbligana l-Knisja Kattolika.

## L-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof

Xi drawwiet marbuta ma' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof kienu direttament jikkonċernaw lit-tfal. Dari sabiex wieħed ikun jista jitqarben kien irid ikun ilu sajjem minn nofs il-lejl ta' qabel it-tqarbina. Fil-fatt fit-tagħlim tagħna bi preparazzjoni għall-praċett, tal-Mużew kienu jagħmlu sforz qawwi fuqna biex din ir-regola jdaħħluhielna f'rasna. is-sawma ta' qabel it-tqarbin kienet tkun sawma totali, mingħajr ikel jew xorb ta' xejn, anqas ilma. Allura jien naħseb, li minħabba din ir-raġuni li l-quddiesa tal-praċett kienet issir kmieni, fis-sebgħa ta' filgħodu.

Qabel il-quddiesa t-tfal (subien u bniet) li b'kollox kienu jlaħħqu żewġ tużżani, kienu jinġabru fl-oqsma tagħhom u wara jingħaqdu f'purċissjoni waħda madwar it-toroq tar-raħal flimkien mal-kumplament tat-tfal l-oħra tal-Mużew. Wara l-quddiesa t-tfal kienu jerġgħu jmorru fil-Mużew tagħhom għal xi xarba żgħira jew xi ġelat.

Okkażjoni oħra tat-tfal kienet il-Griżma ta' l-Isqof. Din iżda, minħabba li dari n-numru ta' tfal

fir-raħal kien żgħir, ma kinitx issir kull sena iżda aktarx kull sentejn u ġieli anke tlieta. It-tfal, is-subien naħa u l-bniet faċċata tagħhom, kienu jitpoġġew fil-korsija tan-nofs u l-parrinijiet kienu joqgħodu warajhom. Niftakar sew li meta kien joqrob il-ħin li l-Isqof jiċċelebra l-Griżma, t-tfal kienu jiġu mitluba sabiex jitilgħu għarrkubbtejhom fuq is-siġġu ta' quddiemhom. Press li s-siġġijiet kienu jkunu tas-sogħda (speċi ta' ħaxixa mmaljata) ma tantx kienet esperjenza sabiħa li toqgħod għarrkubtejk fuqhom għal ħin xi ftit twil, speċjalment is-subien li kienu jkunu bil-qalziet qasir. Dari kienet drawwa li t-tfal subein sakemm ikollhom mal-erbatas-il sena u xi wħud anke aktar, kienu jilbsu dejjem il-qalziet qasir, sajf u xitwa.

Festa oħra marbuta magħhom insibu xi drawwiet huma l-festa ta' Corpus Christi u dik tal-Qalb ta' Ġesù, li jiġu ċċelebrati ftit biss il-bogħod minn xulxin. Dawn iż-żewġ festi dari kienu jiġu ċċelebrati b'solennita kbira. Il-knisja minn ġewwa kienet tkun armata ħafna, anke bid-damask, filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-parruċċani kienet tkun verament kbira, kemm f'dak li huwa qrar u tqarbin kif ukoll fil-purċissjoni. Kienet drawwa li f'dawn iż-żewġ festi u f'xi oħrajn ta' matul is-sena, mat-tqarbin kienu jitqassmu s-santi.

Fil-purċissjoni ta' dawn il-festi kienu jieħdu sehem l-għaqdiet reliġjużi kollha tal-parroċċa u f'dik tal-Qalb ta' Ġesù kien ikun hemm magħhom l-għaqdiet ċivili wkoll. Dawn kienu jinkludu ż-żewġ każini bil-bandalori tagħhom u b'numru ta' membri jakkompanjaw. F'xi drabi anke t-tfal ta' l-Iskola Primarja ġieli ħadu sehem. Kien hemm żminijiet ukoll fejn kienu jinġiebu xi *Boy Scouts* minn B'Kara biex jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-festa ta' 'Corpus' kienu jsiru żewġ purċissjonijiet (filgħodu u filgħaxija). F'din il-festa kienet tingħata l-Barka Sagramentali f'dar fi Triq Sant'Anton, filwaqt li f'dik tal-Qalb ta' Ġesù fid-dar tal-familja Pisani fi Triq San Duminku. huwa magħruf li qabel il-gwerra d-drawwa kienet li tintrama tribuna fi Triq il-Kbira, ħdejn l-għajn tal-bhejjem, għal dan l-iskop.

## Drawwiet oħra

Minn naħa reliġjuża kien hemm ukoll xi drawwiet oħra matul is-sena. Fost dawn nista nsemmi xi purċissjonijiet, bħal dik ta' San Ġużepp f'Marzu, tas-Sultana fil-ġurnata ta' l-ewwel tqarbina f'Mejju, tar-Rużarju (li għada ssir sal-lum) f'Ottubru, kif ukoll ta' San Ġustu u San Fortunatu, il-Qaddisin Patruni tar-raħal, lejn l-aħħar t'Ottubru.

Flimkien ma' dawn il-purċissjonijiet irrid inżid li kull xahar kienet issir il-purċissjoni hekk imsejħa tat-Terza. Din kienet isir kull tielet Ħadd tax-xahar(għalhekk l-isem ta' Terza). Kienet purċissjoni żgħira bis-Sagrament li toħroġ f'xi 8.15 ta' filgħodu qabel il-quddiesa kantata. kienu jieħdu sehem fiha l-kleru, l-abbatini, xi erba' fratelli u xi ftit nies minn fost dawk li jkunu ser jisimgħu l-quddiesa. Din il-purċissjoni keinet tgħaddi minn Triq il-Mosta, Triq il-Pjazzetta u Triq il-Kbira.

Drawwiet oħra li niftakar jinkludu l-qrar tat-tfal nhar ta' Sibt filgħodu. Dan kien jibda minn xi t-tmienja (wara l-aħħar quddiesa tal-ġurnata) u tista tgħid li kien l-uniku ħin li fih it-tfal setgħu jqerru. Konna ninġabru fuq il-bankijiet quddiem l-artal maġġur u nsitennew (mingħajr paċenzja għax moħħna fil-logħob) sakemm imissna. Jieħdu ħsieb it-tfal kien ikun hemm xi xebbiet membri fil-Leġjun ta' Marija. Il-quddiesa tat-tfal nhar ta' Ħadd kienet tkun dik tas-sebgħa ta' filgħodu. Din kienet tkun għat-tfal kollha tar-raħal, mhux biss għal dawk fil-Mużew, għax dak iż-żmien ma kienx aċċettat mill-Kappillan Balzan li t-tfal jattendu għal xi quddiesa oħra għajr din. Fil-festa ta' San Pawl (10 ta' Frar) il-quddiesa tat-tfal kienet issir fil-knisja ta' San Pawl taħt ir-raħal.

Drawwa oħra marbuta mal-quddies kienet li fi żmien il-passa tal-kaċċa fir-rebbiegħa l-kaċċaturi tar-raħal kienu jorganizzaw quddiesa għalihom nhar ta' Ħadd filgħodu kmieni (jidhirli f'xi l-4.00). Dan kien isir għaliex f'dak iż-żmein ma kienx għadu possibli li jsir quddies wara nofs in-nhar bħal-lum. Niftakar li fi tfuliti f'din il-quddiesa, hekk imsejħa tal-kaċċaturi, kien iqaddes Dun Pawl Pace.

Kienet drawwa wkoll li kull nhar ta' Ħamis fil-knisja tinżamm siegħa adorazzjoni quddiem is-Sagrament (dak iż-żmien aktar magħrufa bħala l-Ora Santa). Kien hawn parruċċana li regolarment kienet tiġbor xi ħaġa żgħira tal-flus għal-dan l-iskop. Baqgħet magħrufa sa ma mietet bħala Karmena ta' l'Ora Santa.

Mil-lat mhux daqstant reliġjuż kien hawn xi drawwiet oħra wkoll, fosthom li fil-ġranet ta' qabel il-Milied l-għalliema ta' l-Iskola Primarja keinu jorganizzaw serata, aktar magħrufa bħala l-*Christmas Concert,* b'kant ta' *carols* u reċti bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż mill-istess tfal ta' l-iskola. Din is-serata kienet tinżamm fis-sala tad-Domus (illum m'għadux jeżisti għax twaqqa' biex infetħet Triq Tommaso Dingli) u kienet tkun mistennija ħafna kemm mit-tfal ta' l-iskola kif ukoll mill-ġenituri. Fl-intervall it-tfall kollha kienu jingħataw ħelu, xi biċċa kejk u tè jew kokodina. Peress li ż-żmien tat-tazzi u platti tal-*plastic* kien għadu xi ftit il-bogħod sew, it-tfall kollha, minn xi ġimgħa qabel kienu jintalbu mill-għalliema biex jieħdu kikkra u plattina (b'isimhom fuq taħt), sabiex jintużaw għal dan l-iskop waqt l-intervall.

Fl-istess Domus kien hemm żminijiet differenti li fih kien isir it-teatrin. Naturalment, dak iż-żmien ma kienx aċċettat li jieħdu sehem nisa fuq il-palk (aktar u aktar meta l-post ikun ta' l-Azzjoni Kattolika), għaldaqstant fejn kienet tidħol il-parti ta' xi mara fid-dramm kien irid jagħmilha raġel. Fis-sala, mhux daqstant kbira, li kien hemm f'dan id-Domus ma kienx hemm siġġijiet tal-post, allura kull meta kien isir xi teatrin kienu jittieħdu s-siġġijiet tal-knisja. Dan kien isir wara l-aħħar quddies tal-Ħadd filgħodu, li f'dak iż-żmien kienet fl-għaxra. Hekk kif tintemm is-serata s-siġġijiet kienu jerġgħu jinġarru lura lejn il-knisja – irġiel u tfal kulħadd iġorr.

Jidher li t-teatrin fir-raħal kien popolari ħafna fl-antik, ghaliex sas-snin tletin, fi żminijiet differenti, kien isir f'aktar minn post wieħed. Għal ħabta ta' 1938 kien beda jinżamm regolarment fuq il-bejt tal-Każin 'La Stella Levantina'. Fil-każin kien twaqqaf sotto-kumitat għat-teatrin (missieri ghal xi żmien kien il-president tiegħu). Ħafna mill-atturi u l-kantanti kienu jkunu membri ta' l'istess soċjetà. Normalment kienu jieħdu sehem rġiel biss, iżda kien hemm żmien li ġieli saru xi eċċezzjonijiet żgħar ta' bilfors u tħalliet xi mara tieħu sehem (bħala attriċi jew kantanta). Għal dan l-iskop dak iż-żmien il-każin kellu wkoll il-pjanu tiegħu, li ma kinitx ħaġa komuni madwar sebgħin sena ilu. Għal xi ftit snin wara l-gwerra kien baqa' jsir it-teatrin, iżda fl-aħħar sfratta kollox, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' atturi. ix-xeni u xi affarijiet oħra kienu inbiegħu lill-Azzjoni Kattolika ghal palk tad-Domus, filwaqt li l-pjanu kien inxtara mill-familja Cutajar. Ferm aktar qabel, ghal bidu tas-seklu għoxrin, fl-istess soċjetà kienet twaqqfet orkestra tal-kordi (*string orchestra*). Jingħad li f'dak iż-żmnien din l-orkestra kienet popolari ħafna fir-raħal.

Drawwiet oħra marbuta ma' l-istess soċjetà nsibu li wara l-gwerra, fl-aħħar Tridwu, minflok il-marċ ta' daż-żmien, fil-każin kien ikun hemm '*Jazz Band*'. Kien hemm żmien li din l-attività kienet popolari ħafna mal-membri u l-ħbieb tagħhom. Din kienet l-ewwel ġurnata minn tlieta (flimkien ma' lejlet u nhar il-festa) li kien permess li n-nisa jidħlu l-każin. Fil-fatt kien ikun hemm anke ż-żfin. Għal ħabta ta' l-istess żmien, kienet drawwa wkoll li xi membri tas-soċjetà kienu jorganizzaw ikla fuq il-bejt tal-każin wara d-dħul tal-vara fil-knisja, biex jgħalqu l-festa biha.

Fl-antik kien hemm żminijiet li l-każini tar-raħal (La Stella Levantina u Santa Marija) kienu jorganizzaw xi xalati fix-xhur tas-sajf jew l-għada tal-festa.

Dawn huma xi drawwiet li naf bihom jien (ma jfissirx li m'hemmx oħrajn) u li r-raħal tagħna Ħ'Attard ghadda minnhom matul is-snin. Iżda biex nagħlaq xtaqt insemmi mhux drawwa, għaliex żgur li mhix hekk, iżda forsi aktar konċidenza dwar l-imwiet fir-raħal. Sa minn meta kont tifel żgħir dejjem kont nismagħhom jgħidu li f'Ħ'Attard rari tmut persuna waħda f'ċertu żmien, iżda aktarx tlieta fi żmien qasir bejniethom. Hafna Saraċini bħali żgur jafuha din. Dari kien jidher li f'ħafna drabi din il-kumbinazzjoni kienet isseħħ. inħoss li kultant daż-żmien għadu jiġri l-istess, għaliex sikwit nisma t-tokki tal-qanpiena (li biha titħabbar xi mewt) idoqqu aktar minn darba f'numru qasir ta' ġranet wara xi żmien pjuttost twil fil-kwiet. Tgħid anke l-mewt għandha d-drawwiet tagħha?

## Tas-Sej Futbol tim (1949-1950)



**Bil-wieqfa mix-xellug: Joseph Caruana - Coach (RN Officer), Anthony Caruana, Simon Fenech, Paul Gatt, Carmelo Gauci, Frans Gauci, Ganni Chircop, Ġużeppi Ellul (tim manager)**
**Quddiem: Sergio Sammut, Carmelo Chircop, Alessio Zammit, Ġużi Galea u Vivian Micallef**